Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2301

17.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2301

tal-14 ta' Novembru 2025

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Id-deltametrina ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġiet għalhekk ikkunsidrata bħala approvata skont dak ir-Regolament sat-30 ta' Settembru 2023 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fis-27 u d-29 ta' Marzu 2022, ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-applikazzjonijiet").

(3) Fil-21 ta' Ġunju 2022, l-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Iżvezja infurmat lill-Kummissjoni li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, iddeċidiet li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjonijiet. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont il-każ, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jisboq total ta' 180 jum sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal min-natura tad-*data* mitluba jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1088 ([3]) ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 għall-31 ta' Marzu 2026, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjonijiet.

(7) Fil-5 ta' Ġunju 2025, l-awtorità kompetenti li tevalwa infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni ddewmet minħabba ż-żmien addizzjonali meħtieġ marbut mal-istudji biex jiġu vvalutati l-proprjetajiet fiżikokimiċi tad-deltametrina u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali. L-awtorità kompetenti li tevalwa tistenna li tippreżenta r-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-Aġenzija f'nofs l-2026.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1088 tat-2 ta' Ġunju 2023 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 100; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1088/oj).

(8) Għaldaqstant, għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikanti, l-approvazzjoni x'aktarx li se tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex ikun jista' jiġi finalizzat l-eżami tal-applikazzjonijiet. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Marzu 2028.

(9) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, id-deltametrina tibqa' approvata għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-deltametrina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE hija posposta għall-31 ta' Marzu 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN